MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 141/2013

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta’ Gunju tal-elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u markat “Dok A”;

Illi l-partijiet isseparaw b’kuntratt redatt minn Nutar Joseph Abela fil-15 ta’ Mejju 2007, hawn anness u markat “Dok B”;

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem ta' Kieran li llum ghandu tlettax-il (13) sena (pagna 2 paragrafu 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni) u li fir-rigward tal-manteniment f'pagna 4 paragrafu numerat (iii) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti, r-rikorrent u l-intimat ftiehmu illi "l-partijiet jaqblu li kwantu ghall-manteniment tat-tifel kull parti ghandu / ghandha jiehdu / tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tifel meta t-tifel minuri ikun mieghu jew maghha u qieghdin jintrabtu illi jmantnu lill-minuri ghall-bzonnijiet kollha tieghu b'dan il-mod;

Illi r-rikorrenti trid tafferma illi f'dan is-sens l-intimat qieghed jghaddilha mija u hamsin ewro (€ 150) fix-xahar bhala ghajnuna u f'manteniment lil minuri u li tali ammont huwa regolari lilha;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 2 paragrafu numerat 4) ir-rikorrenti mara iddekadiet mid-dritt taghha tal-manteniment filwaqt li r-ragel iddikjara illi rrinunzja ghal kwalunkwe tali dritt li jista jkollu sabiex jitlob u jircievi manteniment minghand ir-rikorrenti mara;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn hames snin separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Marzu, 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Mejju, 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi  l-intimat dejjem hallas il-manteniment dovut regolarment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------